MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2011

Numru. 1091/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur James Grech]**

**vs**

**Mario Mifsud**

**Illum, 14 ta' Frar 2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Mario Mifsud ta' 38 sena, bin Emanuel u Maria Dolores nee' Azzopardi, imwieled Pieta' fil-25 ta' Settembru, 1971 u residenti fil-fond numru 20, Samar, Triq Simpson, Marsa u detentur tal-karta ta' l-Identita bin-numru 442471(M).

Akkuzat talli bejn il-5 ta' Marzu, 2010 u t-12 ta' Marzu, 2010 ghal habta tal-05:00hrs gewwa Triq ir-Repubblika, Valletta, b'diversi atti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi

anki jekk fi zminijiet differenti u li gew maghmula b’rezoluzzjoni wahda kkommetta serq ta’ birra ta’ ammont li jeccedi l-valur ta’ €23.29 izda ma jeccedix l-valur ta’ €232.94 liema serq huwa aggravat bil-hin, ghad-detriment ta’ Simonds Farsons Cisk plc u/jew persuna ohra.

Rat l-artikoli 18, 261(f) u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat u minn-naha l-ohra l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-fedina penali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 261(f) u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Mario Mifsud hati ta’l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk jikkometti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------